MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 49/2012

Rose Grima bhala mandatarja tal-imsiefra Josephine Vella

-vs-

Carmen Vella

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi l-attrici Josephine Vella tigi bint il-konvenuta Carmen Vella;

2. Illi wara li missier l-attrici, Valent Vella, kien wegga' serjament u gie dizabilitat fis-sena 1991, u iktar tard, wara l-mewt ta' Valent Vella fl-1998, il-konvenuta kienet tircievi minghand is-Social Security Administration fl-Istati Uniti tal-Amerka, beneficcji socjali fl-interess ta' bintha, liema beneficcji socjali, skont il-ligi Amerikana applikabbli ghalihom, hija kienet obbligata li tamministra fl-interess eskluziv ta' bintha u taghti rendikont taghhom lill-istess bintha;

3. Illi in linja ta' tali beneficcji socjali, il-konvenuta rceviet madwar erbgha u tletin elf disa' mija u sebgha u erbghin dollaru Amerikan ($34,947);

4. Illi ghalkemm l-attrici kienet u ghadha obbligata li tamministra dawn il-flus fl-interess ta' bintha billi tuzahom ghall-bzonnijiet tat-trobbija ta' bintha, u tiddepozita l-bilanc li ma jintefaqx b'dan il-mod f'kont bankarju li jhallas l-imghaxijiet, u taghti rendikont ta' dawn il-flus fi tmiem l-amministrazzjoni taghha, hija ma ghamlet xejn minn dan u ghall-kuntrarju zammet l-intier minn dawn il-flus ghaliha nnifisha;

5. Illi l-attrici qeghdha stinatament tirrifjuta li taghti rendikont ta' x'ghamlet b'dawn il-flus, u li tirrifondi lill-attrici l-ammont ricevut minnha;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenuta rceviet, fl-interess ta' bintha Josephine Vella l-ammont komplessiv ta' erbgha u tletin elf

disa' mija u sebgha u erbghin dollaru Amerikan ($34,947), jew ammont iehor verjuri, bhala beneficji socjali minghand is-Social Security Administration fl-Istati Uniti tal-Amerka;

2. tiddikjara li l-konvenuta kienet u ghadha obbligata li tamministra dawn il-flus fl-interess ta' bintha billi tuzahom ghall-bzonnijiet tat-trobbija ta' bintha, u tiddepozita l-bilanc li ma jintefaqx b'dan il-mod f'kont bankarju li jhallas l-imghaxijiet, u taghti rendikont ta' dawn il-flus fi tmiem l-amministrazzjoni taghha;

3. tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tikkonforma ruhha ma' dan l-obbligu impost fuqha;

4. tikkundanna lill-konvenuta sabiex taghti rendikont tal-amministrazzjoni taghha, u konsegwentement tikkundannaha sabiex tirrifondi lill-attricì s-somma ta' erbgha u tletin elf disa' mija u sebgha u erbghin dollaru Amerikan ($34,947) flimkien mal-interessi relattivi lill-istess Josephine Vella.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Ottubru 2011 kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa hija ingunta.

Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attrici kontra l-konvenuta.

Rat li fir-risposta guramentata taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi d-domanda attrici hija ghal kollox bla bazi sia legali u fattwali;
2. Illi l-konvenuta ma ghandha taghti xejn lil bintha l-attrici;

3. Illi r-relazzjonijiet bejn il-genituri u l-ulied huma regolati mil-ligi Maltija u mhux mil-ligi Amerikana cioe' mill-Kodici Civili li jirregola l-obbligi tal-manteniment u l-patria potesta;

4. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti mill-1991 sal-1998 c-cekkijiet tac-children allowance kienu jintbaghtu f'isem missier l-attrici, Valent Vella illum mejjet, li tieghu l-attrici hija wahda mill-werrieta, u li miet fis-7 ta' April 1998, u l-konvenuta irceviet biss l-ammont  dovut minn April 1998 sal-24 ta' Frar 2000 meta l-attrici saret maggorenni ghax ghalqet tmintax (18)-il sena;

5. Illi c-children's allowance favur l-attrici u z-zewg hutha bdew jithallsu meta missier l-attrici kellu incident l-Amerika fl-1991 u ma setax jahdem aktar. Din bdiet tithallas lilu flimkien ma' disability pension li inhargitlu.

6. Illi c-children's allowance tithallas lill-genituri biex tghinhom ghall-bzonnijiet  generali tal-familja u din li nharget proprju ghaliex missier l-attrici sar inkapacitat u ma setghatx jahdem ghalhekk uzahom ghal dan l-iskop.

7. Illi ghalkemm l-attrici ta' ghaxar snin giet f'idejn zijitha, Ines Prtelli, b'ingann u baqghet maghha, kemm missierha kif ukoll il-konvenuta kienu jibghatulha kontinwament flus u oggetti tad-deheb oltre' dan fis-sena 1984 il-konvenuta kienet ftehet joint-account f'isimha u f'isem l-attrici mal-Mid Med Bank meta din kellha biss sentejn u kienu jppogulha  l-flus fih regolarment u meta l-attrici ghalqet  tmintax il-sena din zbankat s-somma shiha li kien hemm u ddepozitathom f'isimha f'Bank il-Canada;

8. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' hames (5) snin skont l-artikolu 2156(b)(d) u (f) kif ukoll tal-artikolu 2157 tal-Kodici Civili Kap 16.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Mertu**

L-attrici u l-konvenuta huma l-bint u l-omm rispettivament. Permezz ta' din il-kawza, l-attrici qeghda titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta taghti kont tal-amministrazzjoni tal-flus li l-konvenuta rceviet minghand is-Social Security Administration tal-Istati Uniti tal-Amerka li l-attrici ssostni li kienu rcevuti f'isimha u li l-istess ammont jigi rifuz lilha flimkien mal-interessi relattivi.

Illi mill-atti rrizulta li skont il-ligi Amerikana, Josephine Vella hija l-beneficjarja diretta ghall-fondi li l-genituri taghha jew min minnhom ircevew minghand is-Social Security Administration bhala child's benefit. Il-genituri taghha huma biss ikkunsidrati bhala l-amministraturi ta' dawn il-fondi. Infatti huma setghu jew (a) juzaw dawn il-beneficcji fl-ahjar interess ta' binthom biex imantnuha u jrabbuha jew (b) jekk il-flus ma jintuzawx ghat-trobbija taghha, jiddepozitaw il-fondi f'kont intestat fuq isem binthom sabiex tkun tista' tigborhom bl-imghax meta ssir maggorenni.

Illi l-attrici pprezentat opinjoni legali redatta minn avukat Amerikan Christopher J. Bowes fejn spjega min huwa l-beneficjarju tac-child's

benefits taht is-Social Security Act skont il-ligi Amerikana. Huwa rrelata li *"…it is clear that where a child's benefit is paid by the Social Security Administration to a parent as a representative payee for child, the parent must either spend the funds on the child's current maintenance needs or save the benefits in an interest bearing bank account that reflects that the funds belong to the child". ",,,it is clear that benefits payable to a surviving dependent child are paid for the benefit of the child, not the parent acting as the representative payee of the child. The representative payee who receives the survivors benefit on behalf of the child must either use the funds for the direct benefit of the child's current maintenance needs or otherwise conserve the funds in an interest bearing bank account that clearly reflects the child's ownership of the funds and the representative payee's limited role as that of a fiduciary for the beneficiary. The representative payee has no claim to ownership of the benefit payable to the child as a survivor of the deceased wage earner".*

Dan kollu ma giex kontradettat mill-konvenuta. Apparti din l-opinjoni, jirrizulta wkoll mill-istess dokumenti ezebiti mill-attrici senjatament Dok D li hija ffirmata mill-istess konvenuta li dak sostnut mill-attrici ghandu mill-veru. Kwindi l-konvenuta kienet konsapevoli ta' dan. U allura aktar milli l-applikazzjoni tal-ligi Amerikana din il-Qorti in realta' se tkun qeghda tapplika l-ligi Maltija ghaliex huwa evidenti li l-konvenuta u precedentement anki l-missier kienu qeghdin jircievu l-flus ghall-istess Josephine Vella. Fuq l-istess dokument D hemm imnizzel "Carmen Vella For Josephine Vella". Ukoll f'mistoqsija minnhom f'dan id-dokument "Were all Social Security benefits received during the past 15 months used for the beneficiary and/or held for the beneficiary?" F'mistoqsija ohra " Show the manner in which any amounts not used for the beneficiary are being held: bank account – Other." Il-konvenuta wiegbet li l-flus kienu qeghdin jintuzaw ghal beneficcjarja filwaqt li nfurmat lill-awtoritajiet li bintha kienet l-Amerika ghaliex kienet qeghdha tircievi l-edukazzjoni taghha hemmhekk.

Ghalhekk huwa evidenti li l-flus li kienet qeghdha tircievi l-konvenuta kienu ntizi ghat-trobbija tat-tfal u mhux ghall-manteniment tal-familja kif sostniet il-konvenuta fir-risposta guramentata taghha. F'dan il-kaz irrizulta li l-attrici ma trabbitx fl-ambitu tal-familja biologika taghha. Il-konvenuta ssostni li bintha spiccat tghix maz-zija taghha llegalment. In verita' din il-kwistjoni ftit ghandha relevanza ghall-proceduri odjerni ghaliex bhala fatt jirrizulta li t-tifla m'ghexitx mal-familja taghha. Madankollu din il-Qorti anki ai fini ta' kredibilita' tal-versjonijiet moghtija se taghti sfond ta' x'wassal ghall-kawza odjerna.

Infatti jirrizulta li meta l-attrici kellha biss tliet xhur thalliet Ghawdex mal-familjari ta' missierha filwaqt li l-genituri taghha u huha marru l-Amerka. Meta l-genituri ta' l-attrici rritornaw Ghawdex eventwalment hija xorta ma trabbitx minnhom. Imbaghad meta l-attrici kellha seba' snin, l-attrici telghet flimkien maz-zija taghha New York. Dak iz-zmien missier l-attrici kien ukoll joqghod l-Amerka mentri l-konvenuta kienet toqghod Ghawdex. Huwa kien imur jara lill-attrici spiss hafna prattikament kuljum fid-dar taz-zija.

Fl-1990, missier l-attrici Valent kellu incident u sofra dizabilita'. Ghalhekk kellu jieqaf mix-xoghol u beda jircievi pensjoni tad-dizabilita' u child's benefit fir-rigward tat-tlett itfal li kellu nkluz maghhom allura l-attrici anki jekk hija ma kinitx tghix maghhom. Jirrizulta li anki huha l-iehor Valentino John Vella ma kienx ighix mal-genituri tieghu izda ma' zitu materna li kienet tghix il-Canada. Eventwalment Valent u Carmen Vella regghu lura Ghawdex. L-attrici f'xi zmien giet Ghawdex fuq btala izda xorta telqet biex tmur tkompli tghix ma' Inez Portelli. Jirrizulta li fis-sena 1992 wara li l-attrici kienet irritornat lura ghand Inez Portelli, il-genituri taghha kienu bdew jiehdu xi passi biex l-attrici tintbaghat lura biex tghix maghhom. Infatti jirrizulta mill-atti li ntbaghtu xi ittri anki legali f'dan is-sens fejn kien qieghed jigi allegat li l-attrici kienet ittiehdet minnhom illegalment. Madankollu ma jirrizultax li baqghu jinsistu biex l-attrici tintbaghat lura u lanqas mexxew permezz ta' xi proceduri legali

ohra jew li talbu li jittiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Inez Portelli u zewgha anki jekk kienu qeghdin jheddu li se jaghmlu dan.

Il-konvenuta xehdet li hija u zewgha kienu jibaghtu flus lil binthom kontinwament kemm flus kontanti kif ukoll permezz ta' cekkijiet u fil-birthday u Milied kienu jaghtuha deheb. Hija stqarret li kienet tibghatilha flus kontanti f'envelope u dan fuq struzzjonijiet ta' Inez Portelli. Hija xehdet ukoll li f'Malta kienu fethulha kont f'bank lokali u meta l-attrici ghalqet tmintax-il sena marru flimkien biex jizbankaw il-flus u l-flus hadithom Josephine. Il-konvenuta tixhed ukoll li bintha qatt ma semmitilha xejn fuq dawn il-flus qabel is-sena 2011. Hija tahseb li bintha ghamlet hekk ghaliex saret taf li tat bicca art lil Saviour li jigi hu l-attrici. Il-konvenuta tixhed li billi Saviour kien ghen hafna lil missieru qabel ma miet tatu din il-bicca art u imbaghad bi flusu bena dar.

Min-naha taghha l-attrici, li fil-frattemp studjat u lahqet avukat u ilha issa diversi snin tghix ghal rasha, xehdet li z-zijiet taghha dejjem hallsu ghall-sipejjez taghha biex titrabba, inkluz tawha saqaf fejn tghix, ghall-ikel, hwejjeg, spejjez medici u hlas ghall-edukazzjoni. Hija xehdet li ghal kull bzonn sabet liz-zijiet taghha u li lill-ġenituri bijologici taghha ma sabithom ghalxejn. In kontro-ezami hija xehdet li ghalqet 18-il sena fis-sena 2000. Ma pprezentatx il-kawza qabel ghaliex il-konvenuta hija l-omm bijologika taghha u ppruvat tirrizolvi l-kwistjoni barra l-Qorti izda hemm limitu kemm tista' ddum tipprova. Hija qalet li talbitha diversi drabi biex thallasha. Hija kkonfermat li kienet tmur id-dar tal-genituri naturali taghha tichad li qatt baghtulha flus ghalkemm ikkoncediet li gieli baghtulha xi deheb. Cahdet ukoll li meta ghalqet 18-il sena hija marret mal-konvenuta u zbankat il-flus depozitati u li hadithom.

Mill-atti jirrizulta li kuntrarjament ghal dak li xehdet l-attrici, kien hemm diversi drabi  fejn il-konvenuta baghtet flus lil bintha Josephine u dan jixhduh diversi *bank transfers* li gew ezebiti, uhud minnhom jirrisalu ghal

meta l-attrici kienet diga' ghalqet it-18-il sena w allura meta l-konvenuta ma kinitx ghadha tirciev i l-flus ghan-nom ta' bintha. Fil-fehma tal-Qorti dan ukoll jevidenzja kemm l-istess konvenuta kienet konsapevoli li l-flus li kienet qeghda tirciev i kienet qeghda tircevihom ghan-nom ta' bintha u fl-interess taghha ladarba ma kinitx qeghda trabbiha hija.

Illi l-Qorti hija wkoll konvinta moralment li l-konvenuta gieli baghtet flus kontanti lill-attrici anki jekk l-ammont mibghut ma jistax jigi kkwantifikat ghaliex provi ma ngabux bhal per ezempju li kien ingibed tant ammont mill-bank. Naturalment ghadda hafna zmien. Din il-konvinzjoni hija naxxenti mill-fatt li rrizulta li x-xhieda ta' l-attrici kienet fis-sens li l-genituri bijologici taghha qatt ma tawha xejn izda mbaghad irrizulta mod iehor. Huwa evidenti li l-attrici ghandha certu atrit ghall-omm bijologika. Il-konvenuta min-naha taghha ma tidhirx li ppruvat issolvi din is-sitwazzjoni ta' bejniethom bl-ahjar mod. Dan huwa kaz sfortunat u din il-Qorti ma tafx l-isfond kollu ta' l-istorja ta' din il-familja imma zgur li huwa ta' dieqa li omm u bint kellhom jaslu sa dan il-punt.

Illi mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li matul iz-zmien intbaghat lill-attrici l-ammont ta' €15,843. Dan l-ammont jinkludi l-*bank transfers* li ntbaghtu anki dawk li intbaghtu wara li l-attrici ghalqet 18-il sena. Il-Qorti qeghda tinkludi dawn l-ammonti billi hija konvinta li huwa minnu li l-attrici bdiet titlob il-flus lill-konvenuta u li min-naha taghha bdiet tibghat il-flus lil bintha biex tipprova tikkalma s-sitwazzjoni. Huwa ovvju li l-konvenuta ma xehditx f'dan is-sens billi eccepiet li l-azzjoni hija preskritta. Oltre' dan temmen ukoll lill-konvenuta li l-kont bankarju li nghalaq gie effettivament zbankat u l-flus hadithom l-attrici.

Illi stabbilit dan, irid jigi trattat il-punt jekk il-kumplament tal-flus li l-konvenuta m'ghaddietx lill-attrici ghandhomx jigu rifuzi lill-istess attrici. Gie stabilit li l-flus kienu jintbaghtu fl-interess tal-minuri u kien specifikat li jekk il-flus ma kienux intuzaw ghat-trobbija kellhom jigu

depozitati f'xi kont bankarju fl-interess ta' dak jew dik il-minuri. Il-konvenuta teccepixxi li m'ghandhomx billi din il-Qorti m'ghandhix tapplika l-ligi Amerikana. Biss pero' irid jinghad li skont il-ligi Maltija huwa d-dmir taz-zewg genituri flimkien li jamministraw il-beni tal-minuri u mal-mewt ta' genitur minnhom l-amministrazzjoni tal-beni tal-minuri tghaddi fuq il-genitur li jibqa' haj. Wara li l-minuri jaghlaq tmintax-il sena il-genitur irid jaghti kont tal-amministrazzjoni tieghu jew taghhom u jghaddu favur il-minuri l-beni li kienu jamministraw f'isem il-minuri[1].

Ghalhekk kif gie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet attrici, l-eccezzjoni li mill-1991 sal-1998 c-child's benefit kienu jintbaghtu f'isem Valent Vella ma tistax tregi.

**Preskrizzjoni**

Illi l-konvenuta eccepiet li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(b)(d) u (f) kif ukoll a tenur ta' l-artikolu 2157 ilkoll tal-Kodici Civili.

Illi l-artikolu 2156(b)(d) u (f) mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern billi t-talbiet attrici mhumiex azzjonijiet ghal hlas ta' pemsjoni ta' manteniment. Lanqas ma hija azzjoni ghal hlas ta' mghaxijiet ta' somom mehuda b'self jew b'titolu iehor; u lanqas ma hija azzjoni ghall-hlas ta' kreditu iehor li gejja minn operazzjoni kummercjali jew minn hwejjeg ohra.

Illi l-artikolu 2157 tal-Kodici Civili jipprovdi li:

---

[1] Ara l-artikoli 136, 140 u 146 tal-Kodici Civili

*"L-azzjoni ghall-ghoti ta' kontijiet kontra tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur iehor, taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispicca, jew bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-mewt tat-tutur, kuratur, mandatarju jew amministratur iehor."*

Illi l-attrici tissottometti li dan l-artikolu mhux applikabbli ghaliex l-amministrazzjoni ta' genitur ma tinkwadrax ruhha fil-kuncett ta' "tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur iehor" u rreferiet ghall-artikolu 2118 li jispecifika li dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom bhalma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji u generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infushom. L-argument huwa li anki l-attrici stess stqarret li l-flus li kienet qeghda tircievi kienet tonfoqhom fl-interess ta' bintha jew ghaddithomlha u ghalhekk tali asserzjoni hija nkonsistenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti taqbel ma' dan l-ahhar argument migjub u ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda. Madankollu ma tqisx li hemm il-htiega li f'dan il-kaz taghti r-rendikont billi l-istess attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tispjega li r-rendikont ta' flus li dahlet Carmen Vella f'isem bintha gie provdut minnha stess.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attrici dawk il-flus li hija rceviet fl-interess taghha u li hija ma baghtithilhix u dan billi l-istess attrici ma trabbitx fi hdan il-familja bijologika taghha w allura l-flus zgur li ma ntefqux ghat-trobbija taghha. Billi din il-Qorti temmen li l-konvenuta baghtet flus kontanti lill-attrici jew lil Inez Portelli (anki jekk dan huwa michud minnhom) kif ukoll anki xi deheb tqis li maghdud ma' l-ammont li rrizulta li ntbaghat cioe' l-ammont ta' €15,843 ghandu jizdied ammont iehor u dan sabiex ikun hemm bilanc fl-interess taz-zewg partijiet u ghalhekk din il-Qorti tqis li l-konvenuta baghtet l-ammont ta' €17,000.

Illi fin-nota taghha l-attrici specifikat li l-ammont li ghandu jigi rifuz huwa l-ammont ta′ 31,770 dollaru Amerikan ekwivalenti ghal €27,756 billi mis-somma globali l-konvenuta u zewgha kienuhallsu 3,147 dollaru Amerikan.

Kwindi l-ammont li l-konvenuta ghandha tirrifondi huwa €10,756.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li tichad it-tmien eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta tilqa′ t-talbiet attrici biss bil-mod kif gej:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta rceviet is-somma ta′ wiehed u tletin elf u seba′ mija u sebghin dollaru Amerikan (31,770 dollaru Amerikan) ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf u seba′ mija u sitta u hamsin euro (€27,756) fl-interess ta′ bintha Josephine Vella l-ammont komplessiv ta′ bhala beneficji socjali minghand is-Social Security Administration fl-Istati Uniti tal-Amerka;

2. tiddikjara li l-konvenuta kienet u ghadha obbligata li tamministra dawn il-flus fl-interess ta′ bintha billi tuzahom ghall-bzonnijiet tat-trobbija ta′ bintha, u tiddeposita l-bilanc li ma jintefaqx b′dan il-mod f′kont bankarju li jhallas l-imghaxijiet, u taghti rendikont ta′ dawn il-flus fi tmiem l-amministrazzjoni taghha;

3. tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tikkonforma ruhha ma′ dan l-obbligu impost fuqha;

4. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba biex l-attrici taghti rendikont tal-amministrazzjoni taghha, madankollu tikkundannaha sabiex tirrifondi lill-attricì s-somma ta′

> ghaxart elef seba′ mija u sitta u hamsin euro (€10,756) ekwivalenti ghal tnax-il elf tliet mija u hdax Dollaru Amerikan (12,311 Dollaru Amerikan) flimkien mal-interessi relattivi dekoribbli mid-data ta′ din is-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez inkwantu ghal zewg terzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta filwaqt li terz minnhom ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------